

Patri HARRY BORN O.P.

# NEKROLOĠIJA



## Patri Harry Born, O.P.

Meta fil-21 ta' Awissu, 1986, xterdet l-aħbar li Patri Born kien inħall mill-irbit tad-dinja biex mar jingħaqad fis-saltna tal-Mulej, inħass li kien seħħ vojt kbir għall-Provinċja Dumnikana, għal għadd kbir ta' nies li tagħhom kien missier spiritwali, għall-ambjenti kulturali ta' Gżiritna.

Patri Born, kif magħruf minn ħafna, kien jagħmel ġieħ lill-Ordni tal-Predikaturi għaliex il-kelma tiegħu mimlija għerf u qdusija kien jaf iwassalha bla ebda xkiel bl-ilsien Ingliż, bit-Taljan u xejn inqas bil-Malti. Huwa kien ta' faraġ mhux żgħir għal bosta suldati u għall-familji tagħhom meta fi żmien il-gwerra kien iservi bħala Kappillan fl-Armata.

Lilna l-aktar li jolqotna huwa s-sehem kbir li ta bil-kitba tiegħu fi lsienna. Tista' tgħid li m'hemmx fergħa tal-kitba li fiha ma tax il-kontribut tiegħu. Patri Born hu magħruf l-aktar bħala rumanzier u drammaturgu. Ir-rumanzi tiegħu ma humiex imtaqqlin b'komplikazzjoni żejda, iżda huma profondi f'dik li hi karatterizzazzjoni, u ċari fid-deskrizzjonijiet li jagħti. Kien jaf igħarbel sewwa s-sentimenti tal-persunaġġi tiegħu u joħloq minnhom bnedmin kif tabilħaqq narawhom fil-ħajja. Barra minn hekk, id-djalogu f'idejh kien ħelu u mexxej, don li għenu mhux ftit fil-kitba ta' għadd kbir ta' drammi u kummiedji. Il-kitba tiegħu għar-radju għadha tissemma, l-aktar dawk is-sensiliet dwar il-ħajja Maltija u l-oħrajn li kellhom bħala protagonista lil Spiru Cefai.

Imma s-sehem ta' Patri Born fix-xandir ma kienx biss fil-qasam tad-divertiment; huwa dam għal snin sħaħ ta' kuljum bla ma jaqta' qatt jagħti ħsibijiet qosra qabel l-egħluq tal-programmi, ħsibijiet li fil-qosor tagħhom jiġbru minjiera ta' tagħlim spiritwali li jista' jifhmu kulħadd.

Patri Born għadda għal ħajja aħjar, waqt li lilna ħallielna mhux biss it-tifkira għażiża tiegħu, imma wkoll ix-xogħlijiet ta' kitba, monument li ma jitmermirx biż-żmien.

**Vic Apap**

## Ġużè Cardona

Raġel kwiet, twajjeb u sinċier. Iħobb lil raħal twelidu, Ħal Qormi. Dan kien Ġużè Cardona (t. 30 ta' Marzu 1922, m. 15 ta' Frar 1988) li miet f'tas-Sliema marbut sa l-aħħar mal-kitba bil-Malti u t-twettiq ta' ħidma reliġjuża.

Ġużè Cardona trabba f'Ħal Qormi fejn ingħata l-ewwel edukazzjoni fl-Iskola tas-Sorijiet Agostinjani u l-Iskola Elementari. Wara mar il-Kulleġġ San Alwiġi, B'Kara. Fl-1945 beda l-kors tax-Xjenza fl-Università iżda mill-ewwel deher li aktar kellu xeħta lejn l-Arti u l-Lingwa. Wara ftit li telaq mill-kors daħal għalliem fl-Iskejjel Primarji fl-1948. Jista' jingħad li kien diġà mhux biss innamra mal-Malti, imma wkoll intrabat u beda jaħdem għalih meta daħal fl-Għaqda tal-Malti (Università) fejn ta s-sehem tiegħu bħala Segretarju Propaganda.

Fl-1959 beda jgħallem il-Malti fil-Liċeo. Sena wara ngħata borża ta' studju mill-Gvern biex jikseb il-B.A. (Hons.) fil-Malti. Wara kiseb l-M.A., bit-teżi *Dun Karm – Ħajtu u Ħidmietu* (KKM 1972). Fl-1966 inħatar l-ewwel *lecturer* tal-Malti fil-Junior College. Fl-1967, bl-għajnuna tal-British Council, għamel sena fl-Università ta' Cambridge taħt il-Prof. A. J. Arberry u meta ġie lura nħatar *lecturer* tal-Malti fil-Kulleġġ Mater Admirabilis u *part-time lecturer* fl-Università. Fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni serva bħala Kap tad-Dipartiment tal-Malti u kien Assistent